MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Numru. 72/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**vs**

**BERNARDA MUSCAT mart Andrew bint Coronato Ellul u Pia nee’ Zammit, imwielda fid-9 ta’ Ottubru, 1964 u residenti April Love, Dahlet Ix-Xaghra Ta’ Barbra, Nadur, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita’ numru 39264G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputata **BERNARDA MUSCAT** mart Andrew bint Coronato Ellul u Pia nee’ Zammit, imwielda fid-disgha [9] ta’ Ottubru, 1964 u residenti ‘April Love’, Dahlet Ix-Xaghra

Ta’ Barbra, Nadur, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita’ numru 39264G giet mressqa quddiemha u akkuzata talli fit-tmintax [18] ta’ Jannar 2005 fin-Nadur, Ghawdex ghall-habta tat-tmienja ta’ filghodu:-

1. volontarjament kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat, storbju u glied.

2. talli kkagunat griehi ta’ natura hafifa fuq Carmelo Muscat minn Nadur, u dan skond ma ccertifika t-tabib M. Sciberras M.D. mill-isptar Generali ta’ Ghawdex.

F’kaz ta’ htija l-Qorti giet mitluba li tapplika l-artikoli 383 u 384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom c-certifikat ppresentat minn PS 187 Mario Cassar bhala dok PS, l-okkorrenza relattiva, l-affidavit ta’ Doctor Patrick Sciberras bhala dok PS 2 w id-dokument BM esibit mill-imputata.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Anthony Cassar, Carmelo Muscat, Doctor Michael Refalo MD in rapprezentanza tas-Supretendent tal-isptar, u lil Doctor Ivan Vella.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tnax ta’ April 2007.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-akkuzi kollha jirrizultaw ippruvati ghas-sodisfazzjon taghha.

Ghalhekk **il-Qorti, tiddikjara li ssib lil imputata BERNARDA MUSCAT hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront taghha** u wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 338 (dd) 221 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundannaha ghal hlas ta’ multa komplessiva ta’ hamsa w ghoxrin [25] lira maltin u tobbligha taht penali ta’ mitt lira ghhal zmien sena mill-lum, li ma**

**timmolestax u ma tingurjax lil Carmelo Muscat ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------